A.L. 332 ta' l-2005

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Sidien u Operaturi ta' Mħażen li Jinsabu f'Żoni Ħielsa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa (Sidien u Operaturi ta' Mħażen li Jinsabu f'Żoni Ħielsa).

(2) Dawn ir-regoli japplikaw għal nfieq kwalifikanti li jintefaq fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2005.

(3) L-ekwivalent tal-benefiċċji taħt l-iskema għandu jkun ammont li jkun approprjat speċifikatament fl-estimi finanzjarji tal-Gvern għal xi sena finanzjarja partikolari.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regoli, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra–

"impjegat addizzjonali" tfisser impjegat li l-impjieg tiegħu jiġi ċertifikat mill-Korporazzjoni bħala impjieg ta' impjegat addizzjonali permezz ta' ċertifikat maħruġ taħt ir-regola 11;

"intrapriża żgħira" u "intrapriża ta' daqs medju" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju;

"il-Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża;

"kumpannija kwalifikanti" tfisser sid eliġibbli jew operatur eliġibbli;

"nfieq kwalifikanti" tfisser spiża li tintefaq fit-twettiq ta' proġett kwalifikanti–

(i) għall-bini, l-iżvilupp jew it-titjib ta' maħżen ġewwa żona ħielsa, inklużi spejjeż tax-xogħol li jiġu kapitalizzati bħala parti mill-ispiża ta' dak il-bini, żvilupp jew titjib;

(ii) l-akkwist ta' impjant u makkinarju meħtieġ biex jingħataw faċilitajiet ta' magazzinaġġ ġewwa żona ħielsa, eskluża għamara ta' l-uffiċċju, vetturi bil-mutur mhux kummerċjali, xogħlijiet ta' arti, antikitajiet u l-oġġetti kollha li l-użu tagħhom kollu kemm hu jew il-biċċa l-kbira tiegħu huwa ta' tiżjin jew li l-prezz tagħhom għandu x'jaqsam mal-valur intrinsiku iktar milli ma' l-użu speċifiku tagħhom għal proġett kwalifikanti;

"nfieq permissibbli" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-regola 9;

"l-ogħla nfieq kwalifikanti" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-regola 6;

"operatur eliġibbli" tfisser kumpannija li n-negozju tagħha jikkonsisti kollu kemm hu fit-tħaddim ta' mħażen jew f'dawk l-attivitajiet relatati li jistgħu jiġu approvati mill-Korporazzjoni;

"proġett approvat" tfisser proġett approvat skond ir-regola 5, b'dawk il- kundizzjonijiet li jistgħu jkunu jgħoddu għalih skond ir-regola 5(2);

"proġett kwalifikanti" tfisser–

(i) proġett ta' sid eliġibbli li jinvolvi nfieq kwalifikanti; jew

(ii) proġett ta' operatur eliġibbli li jinvolvi nfieq kwalifikanti msemmi fil-paragrafu (ii) tat-tifsira ta' "nfieq kwalifikanti";

"sid eliġibbli" tfisser kumpannija, inkluż operatur eliġibbli, li –

(i) tkun is-sid ta', jew

(ii) ikollha taħt kull titolu validu fil-liġi, magħdud titolu ta' kera, jew

(iii) bħala riżultat ta' proġett approvat, se tkun is-sid jew se jkollha taħt xi titolu bħal dak, maħżen li jinsab f'żona ħielsa:

Iżda d-detentur tat-titolu ta' kull proprjetà msemmija f' (ii) u (iii) ma għandu jkun b'ebda mod relatat mas-sid eliġibbli;

"żmien tal-proġett" tfisser iż-żmien li jibda fl-iktar data kmieni li fiha għandu jibda, u li jispiċċa fl-iktar data tard li fiha għandu jintemm, il-proġett kif stabbilit skond ir-regola 7(1)(d);

"żona ħielsa" tfisser sit jew żona f'Malta li tkun magħrufa mill-Kontrollur tad-Dwana bħala żona ħielsa għall-finijiet tal-liġijiet tad-dwana.

Kreditu ta' taxxa dwar nfieq permissibbli.

3. (1) Meta kumpannija tagħmel nfieq permissibbli fit-twettiq ta' proġett approvat u meta jseħħu l-kundizzjoni dwar l-impjieg imsemmija fir-regola 10 u l-kundizzjonijiet l-oħra rilevanti meħtieġa b'dawn ir-regoli, hija jkollha jedd għal kreditu ta' taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli u bla ħsara għalihom.

(2) L-imsemmi kreditu ta' taxxa għandu jkun b'żieda ma' u bla ħsara għall-jedd ta' dik il-kumpannija għal tnaqqis, jekk ikun hemm, li jista' jingħata dwar l-imsemmi nfieq skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-Att.

Applikazzjoni lill-Korporazzjoni.

4. (1) Meta kumpannija kwalifikanti tagħmel jew ikun bi ħsiebha tagħmel nfieq kwalifikanti fit-twettiq ta' proġett kwalifikanti hija tista' tagħmel applikazzjoni lill-Korporazzjoni biex jiġi approvat dak il-proġett.

(2) Applikazzjoni taħt din ir-regola għandha ssir fuq formola li tkun aettabbli għall-Korporazzjoni u:

(a) għandha tagħti dawk il-partikolaritajiet dwar l-applikanti li jkunu mehtieġa biex jiġi stabbilit jekk hija tikkwalifikax bħala intrapriża zgħira jew ta' daqs medju;

(b) għandha tagħti deskrizzjoni tal-proġett, l-għan tiegħu, id-data ta' meta jkun mistenni li jibda u kemm mistenni jdum;

(ċ) għandu jkun fiha deskrizzjoni ta' kull partita ta' nfieq kwalifikanti li l-applikanti tkun għamlet jew bi ħsiebha tagħmel fit-twettiq tal-proġett, liema partiti għandhom ikunu miġbura skond

il-kategoriji ta' nfieq mniżżla fir-regola 2 fit-tifsira ta' "proġett approvat";

(d) jekk l-applikanti tkun operatur eliġibbli, għandha tgħid kemm fi hsiebha timpjega impjegati addizzjonali matul iż-żmien tal-proġett;

(e) għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregola (3);

(f) għandu jkun fiha dak it-tagħrif, tqassim u dettalji oħra, u jkollha magħha dawk id-dokumenti u ċertifikati, li l-Korporazzjoni tista' teħtieġ;

(g) għandha ssir mhux iktar tard minn tliet xhur qabel id-data tal-prospett tat-taxxa għas-sena ta' stima li tiġi minnufih wara s-sena li fiha l-kumpannija tagħmel l-infieq li tirreferi għalih l-applikazzjoni.

(3) L-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregola (2)(e) għandha –

(a) tagħti lill-Korporazzjoni u lill-uffiċjali tagħha aċċess għal kull post jew xogħlijiet skond ma l-Korporazzjoni tista' tqis li jkun meħtieġ biex taċċerta ruħha dwar kull ħaġa rilevanti għall-approvazzjoni ta' applikazzjoni u l-jedd għal kreditu ta' taxxa taħt dawn ir-regoli;

(b) tkun tawtorizza lill-Korporazzjoni biex tgħaddi lill-Kummissarju kull tagħrif u l-oriġinali jew kopji ta' kull dokument u *records* li l-Korporazzjoni tista' tikseb f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni;

(ċ) f'każ ta' applikazzjoni magħmula minn operatur eliġibbli, u meta tkun saret ukoll applikazzjoni minn sid eliġibbli dwar l-istess maħżen, tawtorizza lill-Korporazzjoni li tgħaddi lil dak is-sid tagħrif dwar l-impjieg ta' individwi mill-operatur fejn dak it-tagħrif ikun meħtieġ dwar il-jedd tas-sid għal kreditu ta' taxxa taħt dawn ir-regoli.

Approvazzjoni tal-proġett.

5. (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li proġett li dwaru tkun saret applikazzjoni taħt ir-regola 4 jkun proġett kwalifikanti *in bona fide* u li l-applikazzjoni tkun saret skond il-ħtiġiet ta' dawn ir-regoli, hija tista' tapprova l-proġett u tgħaddi biex tagħmel id-deċiżjoni u toħroġ l-ittra ta' approvazzjoni kif provdut fir-regoli 6 u 7:

Iżda–

(a) il-Korporazzjoni ma għandha tapprova ebda proġett wara l-31 ta' Diċembru, 2008 jew wara xi data li taħbat qabel dik id-data li tista' tispeċifika l-Korporazzjoni permezz ta' avviż fil-Gazzetta;

(b) il-Korporazzjoni ma għandhiex tapprova proġett li mistenni jdum iktar minn sitta w tletin xahar.

(2) Il-Korporazzjoni tista' tagħmel l-approvazzjoni tal-proġett soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li tista' tqis li jkunu adatti.

Deċizjoni dwar l-ogħla nfieq kwalifikanti.

6. Meta l-Korporazzjoni tapprova proġett hija għandha tiddeċiedi sa liema ammont, fil-fehma tagħha, l-infieq imsemmi fl-applikazzjoni jkun nfieq kwalifikanti u jkun meħtieġ u raġonevoli fid-dawl ta' l-għan li għalih huwa jew kien maħsub li jintefaq, u l-ammont hekk deiz għandu jkun l-ogħla nfieq kwalifikanti.

Ittra ta' approvazzjoni.

7. (1) Dwar kull proġett approvat il-Korporazzjoni għandha toħroġ ittra ta' approvazzjoni li turi:

(a) il-partikolaritajiet ta' l-applikanti;

(b) deskrizzjoni tal-proġett, b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Korporazzjoni setgħet qieset xierqa skond kif maħsub fir-regola 5(2);

(ċ) l-ogħla nfieq kwalifikanti għal kull partita ta' nfieq, murija l-kategorija taħt ir-regola 2 fit-tifsira ta' "nfieq kwalifikanti" li taħtha taqa' dik il-partita;

(d) l-ogħla total ta' l-intensità ta' għajnuna mogħtija mill-Istat li l-applikanti tkun intitolata għalih;

(e) l-iktar data kmieni li fiha għandu jibda l-proġett u l-iktar data tard li fiha għandu jintemm;

(f) l-iqsar żmien li għalih l-investiment għandu jinżamm skond ir-regola 9;

(g) dawk il-partikolaritajiet l-oħra skond kif il-Korporazzjoni tista' tqis li jkunu adatti.

(2) Il-Korporazzjoni għandha tagħti l-ittra ta' approvazzjoni lill-applikanti u tagħti kopja tagħha lill-Kummissarju.

(3) Il-Korporazzjoni għandha toħroġ l-imsemmija ittra ta' approvazzjoni sa mhux aktar tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiv tal-kumpannija.

Il-kumpannija tiċċertifika li l-proġett ikun tlesta.

8. (1) Meta jitlesta l-proġett approvat u mhux iktar tard minn sittin jum wara, il-kumpannija għandha tibgħat lill-Korporazzjoni ċertifikat magħmul minn persuna li tkun magħrufa mill-Korporazzjoni bħala kompetenti għal dan il-għan, u li jkun juri:

(a) id-data li fiha jkun tlesta l-proġett;

(b) l-ammont ta' nfieq permissibbli.

(2) Il-kumpannija għandha, fiż-żmien imsemmi fis-subregola (1), tagħti kopja taċ-ċertifikat lill-Kummissarju.

(3) Il-Kummissarju jista', wara li jirċievi kopja taċ-ċertifikat, jitlob opinjoni indipendenti dwar il-kontenut tiegħu mingħand il-Korporazzjoni jew persuna teknika oħra.

Infieq permissibbli.

9. (1) L-infieq ikun nfieq permissibbli jekk u sa fejn jitwettqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun nfieq kwalifikanti li ġie tassew minfuq mill-kumpannija fit-twettiq ta' proġett approvat u li la jkun tħallas lura lilha u l-anqas ma jkollu jinġabar lura minnha;

(b) ikun partita ta' nfieq imsemmija fl-ittra ta' approvazzjoni maħruġa taħt ir-regola 7, ma jaqbiżx l-ogħla nfieq kwalifikanti għal dik il-partita u jkun infieq li dwaru tkun ġiet sodisfatta kull kundizzjoni li tkun setgħet ġiet magħmula applikabbli skond ir-regola 5(2);

(ċ) ikun intefaq matul iż-żmien tal-proġett u għall-għan li għalih il-proġett kien approvat;

(d) ikun imniżżel tajjeb, b'mod ar u separatament fil-kotba tal-kumpannija u jkun hemm prova dwaru permezz ta' dokumenti;

(e) jekk ikun infieq għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, id-dokumenti msemmija fil-paragrafu (d) ikun fihom dikjarazzjoni tal-perit li taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni tiegħu jkunu saru x-xogħlijiet, li tikkonferma li dak l-infieq sar fit-twettiq tal-proġett kif approvat.

(2) L-investiment li jsir bl-infieq permissibbli għandu jinżamm fil-kumpannija għal mill-inqas ħames snin wara t-tmiem taż-żmien tal-proġett.

(3) Jekk investiment jew parti minnu ma jinżammx fil-kumpannija għaż-żmien imsemmi fis-subregola (2), l-ammont ta' nfieq li jikkorrispondi għal dak l-investiment jew parti minnu, skond ma jkun il-każ, li ma jkunx ħekk inżamm għandu jitqies li qatt ma kien nfieq permissibbli u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regola 13.

Kundizzjoni dwar impjieg.

10. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din ir-regola, il-kundizzjoni dwar l-impjieg imsemmija fir-regola 3(1) isseħħ –

(a) fil-każ ta' kumpannija li tkun sid eliġibbli u ma tkunx ukoll l-operatur tal-maħżen li jirreferi għalih il-proġett approvat, jekk dak il-maħżen, matul iż-żmien tal-proġett jew fi żmien tliet snin mit-tmiem tiegħu, jitħaddem minn kumpannija li tkun operatur eliġibbli li wkoll twettaq proġett approvat, u dik il-kumpannija li tkun operatur timpjega, matul iż-żmien tal-proġett tagħha, mill-inqas impjegat wieħed addizzjonali;

(b) fil-każ ta' kumpannija kwalifikanti li tkun l-operatur tal-maħżen li jirreferi għalih il-proġett approvat, jekk hija timpjega mill-inqas impjegat wieħed addizzjonali matul iż-żmien tal-proġett.

(2) Bla ħsara għas-subregola (3), individwu jitqies impjegat addizzjonali jekk iseħħu dwaru l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin–

(a) jiġi impjegat taħt kuntratt għal żmien indefinit jew għal żmien ta' mhux inqas minn tliet snin;

(b) id-dmirijiet tiegħu ikollhom x'jaqsmu biss u direttament ma' operazzjonijiet ta' magazzinaġġ;

(ċ) l-impjieg tiegħu joħloq żieda netta fl-għadd ta' impjegati *full time* tal-prinċipal;

(d) huwa ma kienx, f'xi żmien matul sentejn qabel l-impjieg tiegħu ma' dak il-prinċipal, impjegat ma' persuna li kienet relatata mal-prinċipal permezz ta' proprjetà jew detenzjoni ta' ishma diretta jew indiretta;

(e) l-impjieg tiegħu ikun ċertifikat mill-Korporazzjoni skond ir-regola 11 bħala impjieg ta' impjegat addizzjonali.

(3) Meta impjegat ta' operatur eliġibbli li jitqies biex jiġi kalkulat il-kreditu ta' taxxa ta' dak l-operatur jew ta' sid eliġibbli, ma jibqax fl-impjieg ta' dik il-kumpannija, tkun xi tkun ir-raġuni, għal żmien ta' mill-inqas sitta w tletin xahar, u ma jiġix sostitwit validament b'impjegat ieħor kif provdut fis-subregola (4), huwa għandu jitqies li qatt ma kien impjegat addizzjonali u d-disposizzjonijiet tar-regola 12 għandhom japplikaw.

(4) Impjegat jitqies li jkun ġie sostitwit validament jekk:

(a) fi żmien tliet xhur mid-data ta' tmiem l-impjieg il-prinipal jimpjega individwu ieħor minfloku; u

(b) dwar l-impjeg ta' l-impjegat sostitut jitwettqu l-kundizzjonijiet tas-subregola (2), ħlief li l-fatt li jkun impjieg flok ieħor ma jitqiesx, fih innifsu, bħala ksur tal-kundizzjoni tal-paragrafu (d) ta' dik is-subregola; u

(ċ) it-total taż-żminijiet ta' impjieg ta' l-impjegat oriġinali u tas-sostitut jew sostituti tiegħu ma jkunx inqas minn sitta w tletin xahar.

(5) Impjegat sostitut jista' jiġi validament sostitwit bl-istess mod, u ż-żmien ta' l-impjieg tiegħu għandu wkoll jitqies għall-għan tas-subregola (4)(ċ).

(6) Fil-kalkolu ta' l-għadd ta' impjegati addizzjonali, impjegat u s-sostitut jew sostituti tiegħu jgħoddu bħala impjegat addizzjonali wieħed.

Ċertifkat ta' impjegati addizzjonali.

11. (1) Kumpannija li tkun operatur eliġibbli u li l-proġett tagħha jkun approvat skond dawn ir-regoli għandha tagħmel u tagħti lill-Korporazzjoni dikjarazzjoni li jkun fiha dak it-tagħrif dwar l-impjegati tagħha li jkun meħtieġ biex il-Korporazzjoni tkun tista' tistabbilixxi l-għadd ta' impjegati addizzjonali u s-sostituti tagħhom, liema tagħrif għandu jkun fih–

(a) l-għadd ta' individwi li jkunu fl-impjieg tal-kumpannija qabel il-bidu tal-proġett tagħha u l-għadd u l-partikolaritajiet u d-data ta' l-impjieg ta' l-individwi li jkunu impjegati minnha bħala impjegati *full-time* matul iż-żmien tal-proġett;

(b) dak it-tagħrif u dettalji oħra li l-Korporazzjoni tista' tqis rilevanti.

(2) Id-dikjarazzjoni għandha ssir kull tant żmien skond kif titlob il-Korporazzjoni.

(3) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li kumpannija li tkun operatur eliġibbli tkun impjegat individwu li jikkwalifika bħala impjegat addizzjonali skond id-disposizzjonijiet tar-regola 10, u li tkun kisbet it-tagħrif kollu li qieset rilevanti dwar l-impjegati ta' dik il-kumpannija, hija għandha toħroġ ċertifikat li jkun juri dak: iżda dak iċ-ċertifikat għandu jkun bla ħsara għar-regola 10(3).

(4) Meta l-proġett approvat ta' l-operatur in kwistjoni jirreferi għal maħżen li dwaru l-Korporazzjoni tkun approvat proġett imwettaq minn sid eliġibbli, il-Korporazzjoni għandha tibgħat kopja taċ-ċertifikat lis-sid.

Il-kalkolu tal-kreditu ta' taxxa.

12. (1) Il-kreditu ta' taxxa li jkollu jedd għalih sid eliġibbli dwar infieq permissibbli u mfisser fil-paragrafu (i) tat-tifsira ta' "nfieq kwalifikanti" fir-regola 2 (il-bini, żvilupp jew titjib ta' maħżen) għandu jingħata għas-sena ta' stima li taħbat minnufih wara dik li fiha titwettaq għall-ewwel darba l-kundizzjoni dwar l-impjieg u jkun daqs:

A x B x 2.5%

fejn–

A = l-ammont ta' l-imsemmi nfieq imħallas fuq il-proġett approvat kollu;

B = l-għadd ta' impjegati addizzjonali li jkunu ġew impjegati matul l-ewwel sena li fiha titwettaq il-kundizzjoni dwar l-impjieg.

(2) Il-kreditu ta' taxxa li jkollha jedd għalih kumpannija kwalifikanti dwar nfieq kif imfisser fil-paragrafu (ii) tat-tifsira ta' "nfieq kwalifikanti" fir-regola 2 (l-akkwist ta' impjant u makkinarju) għandu jingħata għal kull sena ta' stima li taħbat minnufih wara s-sena li fiha jkun sar dak l-infieq u jkun daqs–

A x B x 10%

fejn–

A = l-ammont ta' l-imsemmi nfieq magħmul mill-kumpannija kwalifikanti fis-sena rispettiva

B = l-għadd ta' impjegati addizzjonali impjegati matul is-sena li fiha jsir dak l-infieq.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregoli (1) u (2) il-kreditu ta' taxxa li jkollha jedd għalih kumpannija kwalifikanti dwar proġett approvat ma għandux jaqbeż, fit-total tiegħu -

(a) f'każ ta' intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, ħamsin fil-mija ta' l-ispiża totali tal-proġett in kwistjoni;

(b) f'każ ta' kull kumpannija kwalifikanti oħra, erbgħin fil-mija ta' l-ispiża totali tal-proġett in kwistjoni, kalkolat b'referenza għall-ekwivalenti ta' l-għotja netta:

Iżda meta l-kumpannija in kwistjoni tkun ħadet għajnuna mill-Istat dwar nfieq magħmul fit-twettiq tal-proġett, b'mod li ma jkunx dak provdut f'dawn ir-regoli, il-limitu msemmi fil-paragrafu (a) jew (b), skond il-każ, għandu jonqos bil-valur ta' dik l-għajnuna:

Iżda wkoll il-kumpannija għandha tkun unikament responsabbli għall-korrettezza tal-kalkolu tat-tnaqqis imsemmi, meta jkun applikabbli.

(4) Il-kreditu ta' taxxa jittieħed bħala tnaqqis mit-taxxa li jkollha titħallas fuq qliegħ jew profitti li ġejjin mill-attivitajiet li għalihom ikun sar l-investiment li għalih jirreferi l-proġett approvat, u ma jingħatawx bħala tnaqqis minn taxxa li jkollha titħallas fuq qliegħ jew profitti minn xi għajn oħra; u kull ammont ta' kreditu ta' taxxa dovut għal sena ta' stima li ma jinqatax f'dik is-sena jista' jittieħed 'il quddiem u jitnaqqas mit-taxxa li jkollha titħallas fuq qliegħ jew profitti mill-imsemmija attivitajiet fi snin ta' wara:

Iżda kull parti ta' kreditu ta' taxxa li ma titteħidx sas-sena ta' stima 2013 ma għandhiex tittieħed 'il quddiem u l-jedd għal kreditu dwar dak l-ammont mhux meħud jintilef.

(5) Meta kumpannija tikkwalifika, dwar sena ta' stima, għal kreditu ta' taxxa kemm taħt l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji kemm taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, hija għandha tieħu l-kreditu ta' taxxa taħt l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji qabel ma ssir xi tpaċija dwar il-kreditu ta' taxxa taħt dawn ir-regoli.

(6) Kreditu ta' taxxa dovut skond dawn ir-regoli ma joħloqx jedd għal ħlas lura.

Thassir jew kalkolazzjoni mill-ġdid ta' kreditu ta' taxxa.

13. (1) Fiċ-ċirkostanzi msemmija fir-regoli 9(3) u 10(3) il-kreditu ta' taxxa in kwistjoni għandu jitħassar jew jiġi kalkolat mill-ġdid, skond il-każ.

(2) It-tħassir jew il-kalkolu mill-ġdid ta' kreditu ta' taxxa joħloq obbligu tal-kumpannija li tħallas ammont ta' taxxa, b'żieda ma' kull debitu ieħor ta' taxxa, li jkun daqs it-tnaqqis fil-kreditu ta' taxxa li jirriżulta mit-tħassir jew kalkolazzjoni mill-ġdid, u dak l-ammont jitqies taxxa li għandha titħallas taħt l-Att għas-sena ta' stima li taħbat minnufih wara s-sena li fiha tinħoloq il-kawża għal dak it-tħassir jew kalkolazzjoni mill-ġdid, u hekk għandha tigi dikjarata u mħallsa mill-kumpannija in kwistjoni.

Għandha tingħata kopja tal-prospett tat-taxxa lill-Korporazzjoni.

14. Kumpannija li tingħatalha ittra ta' approvazzjoni skond ir-regola 7 għandha tagħti lill-Korporazzjoni, mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-prospett tat-taxxa relattiv, kopja tal-prospett tat-taxxa għal dik is-sena ta' stima li fiha jkun jista' jintalab għall-ewwel darba l-kreditu ta' taxxa relattiv skond dik l-approvazzjoni u għal kull sena ta' stima sussegwenti li fiha jkun jista' jintalab dak il-kreditu ta' taxxa, irrispettivament minn jekk il-benefiċju jintużax jew le.

Sorveljanza mill-Korporazzjoni.

15. (1) Meta l-Korporazzjoni toħroġ ittra ta' approvazzjoni lil kumpannija skond ir-regola 7, din tista', minn żmien għal żmien, tagħmel reviżjonijiet ta' kotba u dokumenti, tagħmel spezzjonijiet fuq il-post fil-bini ta' dik il-kumpannija u tagħmel sorveljanza oħra skond kif jidhrilha li jkun meħtieġ għall-għanijiet ta' dawn ir-regoli u għal kull ħaġa li tkun rilevanti għal applikazzjoni approvata.

(2) B'żieda mad-*database* li tinżamm taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju, il-Korporazzjoni għandha żżomm ukoll *database* ta' kull għajnuna mogħtija lil, jew mitluba minn, kumpannija taħt dawn ir-regoli għal għaxar snin mid-data li fiha tkun ingħatat għajnuna individwali għall-aħħar darba, sabiex–

(a) tivverifika jekk id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jkunux ġew osservati;

(b) tagħti lill-Bord ta' Sorveljanza fuq Għajnuna Mogħtija mill-Istat dik l-informazzjoni li dan ikun jista' jeħtieġ; u

(ċ) tinforma lill-Kummissarju jekk il-krediti mitluba skond dawn ir-regoli jkunux ġew kalkolati sew.

Poteri tal-Kummissarju.

16. Mnkejja d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista' jagħmel dak l-istħarriġ u dawk il-verifiki li huwa jqis adatti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u għandu l-jedd, wara li jikkonsulta lill-Korporazzjoni, li ma jippermettix kreditu ta' taxxa jekk l-applikanti tikser xi disposizzjoni ta' l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jew l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew xi leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħthom.

Prospett tat-taxxa elettroniku.

17. Ebda kreditu ta' taxxa ma jkun dovut lil kumpannija taħt dawn ir-regoli għal xi sena ta' stima jekk dan ma jintalabx fil-parti adatta ta' prospett tat-taxxa mibgħut b'mezzi elettroniċi sa mhux iktar tard mid-data tal-prospett tat-taxxa relattiv.

Kundizzjonijiet ulterjuri.

18. Biex ikun hemm jedd għall-benefiċju taħt dawn ir-regoli għandhom jiġu osservati wkoll il-kundizzjonijiet ulterjuri li ġejjin:

(a) ma jkunux qed jintalbu u sussegwentement ma jintalbux xi benefiji oħra minn xi persuna fuq l-istess attività jew proġett taħt xi liġi oħra li taghti skemi ta' inċentivi fiskali;

(b) id-debiti kollha ta' taxxa, inklużi ammonti dovuti dwar taxxa ta' l-FSS kif ukoll kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, dovuti saż-żmien ta' l-applikazzjoni, ħlief għal xi taxxa li dwarha jkun hemm kwistjoni, iridu jkunu thallsu jew ikunu qegħdin jithallsu skond ftehim formali magħmul mal-Kummissarju.